MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 963/1995/2

**Carmel Attard**

**vs**

**Levi Grech**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi fit-23 ta' Lulju 1993 f'xi 8.00 ta' filghodu waqt li l-attur kien qed isuq karozza Mini Metro Z-3386 fi triq Old Railway Track, Santa Venera, x'hin waqaf qabel zebra crossing il-konvenut baqa' diehel gol-karozza ta' l-attur minn wara;

Illi l-incident in kwestjoni gara b'tort unikament tal-konvenut risultat ta' negligenza, imperizja u nuqqas ta'

osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut, kif jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra danni;

Illi l-konvenut ghalkemm mitlub diversi drabi biex jaddivjeni ghal hlas tad-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi incident tat-traffiku huwa hallas parti biss minn dawn l-ispejjez;

Illi ghad fadal bilanc pendenti ta' Lm425.58 li jinkludu l-prezz ta' xi parts tal-karozza u l-hlas tal-karozza tal-kiri;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-23 ta' Lulju 1993 gewwwa Old Railway Track, Santa Venera, meta l-vettura ta' l-attur Metro Z-3368 kienet wieqfa hdejn zebra crossing u l-karozza misjuqa mill-konvenut baqghet diehla go fiha, kif gie spjegat aktar 'il fuq, u li gara rizultat ta' negligenza imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur fl-imsemmi incident;

2. tillikwida l-imsemmija danni sofferti mill-attur fl-istess incident u jekk jihtieg anke bin-nomina ta' periti teknici u

3. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata bhala danni;

Bl-ispejjez inkluzi Lm3 ta' l-isketch, u bl-imghax mid-data ta' l-imsemmi incident kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjoniet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi l-eccipjent m'ghandux ibati l-ispejjez ta' l-ewwel talba stante li r-responsabilita tieghu kienet minn dejjem ammessa;

Illi kwantu ghat-tieni u t-tielet talba, l-ammont pretiz mill-attur fil-premessi tac-citazzjni mhuwiex dovut u huwa esagerat u fil-fatt l-ammont effettivament dovut, li gie rifjutat ingustament mill-attur, huwa ammont li jaqa' fil-kompetenza tal-Qrati Inferjuri;

Illi ghalhekk jekk effettivament l-eccipjent jigi kkundannat ihallas l-amont inferjuri fuq riferit, huwa m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn it-talbiet izda biss dik il-parti ta' l-ispejjez li tkun tirrifletti l-ispejjez ta' kawza deciza fil-Qrati Inferjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju 1996 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li l-ammont li fadal li ghandu jithallas mill-konvenut ghas-set spare parts jammontaw ghal Lm77.58c, liema ammont il-konvenut iddikjara li lest li jhallas kif kien gja lest li jhallas qabel ma bdiet din il-kawza u l-unika vertenza li hemm bejn il-partijiet tirrigwardja il-kiri da parti ta' l-attur ghal karozza ghal 82 gurnata meta l-konvenut offra li jhallas ghal hamest ijiem;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tal-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju 2002;

Ikkonsidrat:

L-attur fic-citazzjoni jippremetti illi fit-23 ta' Lulju 1993, kmieni filghodu, waqt li huwa kien qed isuq karozza Mini Metro Z-3386 fi triq Old Railway Track, Santa Venera,

x'hin waqaf f’zebra crossing, il-konvenut baqa' diehel go fih minn wara. L-attur isostni, ghalhekk, illi l-konvenut huwa responsabbli ghal dan l-incident u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-istess attur. L-attur kompla jippremetti li in effett il-konvenut ghamel tajjeb ghal parti min dawn id-danni, pero' fadallu jhallas bilanc ta’ Lm425.58. Din is-somma tikkomprendi l-prezz ta' xi spare parts u l-hlas relattiv ghal kiri ta’ karozza da parti tal-attur sakhemm issewwiet il-karozza tal-istess attur. L-imsemmi bilanc ta' Lm425.58 hu mghamul kwantu ghal Lm77.58 bhala parts u kwantu ghal Lm348 ghal kiri ta' karozza ghal sebgha u tmenin (87) gurnata bir-rata ta' Lm4 kuljum;

Da parti tieghu fin-nota ta’ eccezzjonijiet il-konvenut iddikjara li huwa minn dejjem kien ammetta r-responsabilita' tieghu ghall-incident in kwestjoni. Inoltre huwa eccepixxa li l-ammont pretiz mhux dovut u huwa esagerat. Il-konvenut issottometta ukoll ecezzjonijiet rigwardanti l-hlas tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Fil-kors tas-seduta tat-8 ta’ Lulju 1996 il-konvenut ammetta li ghandu ihallas l-ammont ta’ Lm77.58 ghal spare parts, pero huwa kkontesta l-bilanc li qed jippretendi l-attur. F'dan ir-rigward jidher li l-konvenut qed jammetti li ghandu jhallas ghal kiri tal-vettura da parti tal-attur, pero' huwa jikkontesta z-zmien kemm dam dan il-kiri. Huwa jippretendi li ghandu ihallas biss ghall-hamest (5) ijiem u mhux ghal aktar minn tmenin (80) gurnata kif qed jippretendi l-attur;

In vista ta’ dan kollu l-unika kwestjoni li fadal bejn il-partijiet, u li trid tigi deciza, hi l-kwestioni ta' kemm il-gurnata kien intitolat l-attur li jikri l-karozza;

Mill-provi prodotti jirrizulta li kien il-konvenut u membri tal-familja tieghu li dahlu biex jaraw li l-karozza tal-attur tissewwa. Jista jkun li dan kien dovut ghal fatt li l-konvenut kien ammetta r-responsabilita' ghar-rigward tal-kollizzjoni. In effett jirrizulta li kien membru tal-familja tal-konvenut li ftiehem mal-panel beater sabiex isir ix-xoghol relattiv. Dan il-ftehim kien fis-sens li l-membru tal-familja tal-konvenut kellu jiehu lill-panel beater il-parts li kienu necessarji ghat-

tiswija. Jirrizulta li l-membru tal-familja tal-konvenut ha hafna zmien sabiex jiehu dawn il-parts lill-panel beater, u meta hadhom dawn ma kinux il-parts kollha. Tant li fl-ahhar kellu jkun l-attur stess li gab dawn il-parts rimanenti. Ma jistax jigi eskluz li dan kollu kien dovut ghall fatt li l-parts ma kienux immedjatament a disposizzjoni u li kellhom jingiebu minn barra. In effett il-panel beater ikkonferma li x-xoghol ta tisswija in kwestjoni dam hafna zmien;

Fid-dawl ta' dan kollu li hu zgur hu li l-attur ma kellu ebda tort ghar-rigward ta' dan id-dewmien. Ghalhekk il-pretensjonijiet tal-attur ghar-rigward tal-kiri tal-karozza jirrizultaw ukoll gustifikati. In effett il-pretensjonijiet kollha tal-attur ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok fuq l-ammissjoni tal-konvenut tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur fl-imsemmi incident; billi fit-tieni lok tillikwida l-bilanc ta' danni li ghadhom dovuti mill-konvenut fis-somma komplessiva ta' erba mija u hamsa u ghoxrin liri maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm425.58) liema somma tinkludu l-prezz ta' xi parts tal-karozza u l-hlas tal-karozza tal-kiri u billi fit-tielet lok tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta Lm425.58 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, fosthom li jidher li l-konvenut mill-ewwel ammetta r-responsabilita' tieghu, l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------